Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Il-Pulizija

(Spettur Sandra Zammit)

Vs

Etienne – Carmel Farrugia

Illum 11 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti;

Rat li:

Etienne – Carmel Farrugia ta' 42 sena, iben Andrew u Carmen nee' Muscat, imwieled fit-3 ta' Ottubru, 1091 gewwa Pieta' u joqghod gewwa Maria Bambina, Triq Manwel Magri S. J, Naxxar u detentur ta' l-karta ta' l-identita' numru 434371 M.

Gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Marzu, 2014 ghal habta ta' 06.30 hrs gewwa l-limiti ta' l-Mgarr:-

1. Volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq Wallace Galea, skont kif iccertifikat Dr. Fabrizia Azzopardi Reg. No. 3030 gewwa Mosta Health Centre;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Wallace Galea sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Wallace Galea biza' illi ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insulenta lil Wallace Galea;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni bi glied u storbju;
6. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' l-Magistrati (Malta), liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti tista’, jekk jidhrilha xieraq, sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Wallace Galea jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien ma’ l-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat ix-xhieda kollha;

Rat d-dokumenti kollha u atti processwali kollha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-28 ta Ottubru 2015 permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din l-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli;

Fl-artikoli 214,215,u 218 tal-Kodici Kriminali , Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikolu 339(1)(d)tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikolu 339(1) (e) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikolu 338(dd) tal- Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Fl-artikolu 382A, 383,384,385,386u 412C tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

L-artikoli 17,31, u 533 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattar bi procedura sommarja;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni u semghet it-trattazzjoni tad-difiza;

Ikkunsidrat;

Il-proceduri bdew jinstemghu quddiem din il-Qorti kif presentement presjeduta biss wara is-27 ta’ Frar 2018.

Dr Mario Scerri permezz ta’ digriet tat-23 ta Gunju 2016 gie inkarigat sabiex jezamina lil Wallace Galea u jirrelata dwar il-permanenza jew meno tal-offizi subiti mill-vittma Wallace Galea.

**Wallace Galea** xehed fl-14 ta April 2014 kif fit-30 ta Marzu 2014 sehh incident li beda meta kien hemm dizgwiet dwar minn kellu jitfa’ z-ziemel fuq il-*walker* go stabbiliment li kien jospita dan l-apparat. Wara ftit , dan eskala billi l-imputat tah daqqa ta’ ponn u waqa’ go gandott u tah daqqiet ohra. Interessanti li jghid li kien hemm terza persuna li bdiet izzomm lilu. Hu spicca b’imniehru

miksur u gharaf c-certifikat relattiv . Kellu frattura f'imniehru. Ma jxommx u ma jiehux nifs tajjeb. Fl-1 ta' Frar 2017, irrinunzja ghar-rinunzjabbli.

Ix-xhieda ta' **Alfred Grima** tal-21 ta Mejjui 2014, terza persuna mhux direttament involut fl-incident kienet pjuttost evaziva. Li kien interessanti li izda qal [1] li kien Wallace li kien irrabjat ghal Etienne. Qal ukoll li Etienne kien ser jitlaq 'l hemm u imbaghad bdew jillitikaw. Essenzjalment imbaghad bdew jaghtu t-tnejn.

**Dr Mario Scerri** ezebixxa ir-rapport tieghu a folio 115 u xehed dwar l-istess. Fejn stqarr li kien hemm *deviation tas-septum* izda dan ma kienx kospikwu *from within a talking distance.*

**Etienne Carmel Farrugia** fl-istqarrija tieghu tat-30 ta Marzu 2014 iddeskriva kif fir-rampa go farm fejn kellu ziemel, Wallace kien gie vicin tieghu u qabdu mill-flokk u qabdu f'xulxin u li ma jidhirlux li tah xi daqqa ta' ponn izda li gew fl-idejn u Wallace waqa' fl-art u gie tahtu. Fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Ottubru 2016, xehed li hu mar l-istabbiliment biex ipoggi z-ziemel tieghu fuq il-*walker.* F'certu mument gie Wallace fuqu, aggressiv, jghid li ma sabx post fuq il-*walker*. Telaq 'l hemm u aktar tard, Farrugia nizel fil-basement fejn bil-fors kellu jmur biex isib biex jitma iz-ziemel tieghu u hemm inserta lil Wallace (li ma kienx jaf li kien hemm). Hu dar lura biex jevitah izda Wallace qabbdu mill-flokk u "ippruvajt nehles minnu biex nimbuttah qbadna ma' xulxin , waqajna t-tnejn fuq xulxin u hu gie tahti u daqshekk prattikament " [2] Innega kategorikament li ta' daqqa ta' ponn lil Wallace.

**Jason Vassallo ,** sid l-istalel J Vassallo Stables il-Mosta spjega kif is-sistema tal-*walker* kienet *first come first served.*

Illi dan l-incident kien rizultat ta' aggressjoni da parti ta' Wallace Galea fil-konfront tal-imputat. Hareg car kemm mix-xhieda ta Wallace Galea stess, mix-xhieda tal-imputat kif ukoll ta' Alfred Grima li kien Wallace Galea li qed jaggredixxi lill-imputat li kien qed jipprova jevita l-incident. Tant hu hekk li kien l-istess Wallace Galea li qal li Alfred Grima , kien qed izomm lilu u mhux lill-imputat. Inoltre, Alfred Grima, li kien ovvju mix-xhieda tieghu li ried jibqa' barra mill-kwistjoni u b'hekk jaghti l-aktar verzjoni skjetta li seta', izda xorta harget li kien Wallace Galea irrabjat ghall-imputat u mhux *vice versa*. Il-verzjoni tal-imputat li kien qed jipprova jevita l-inkwiet billi dar lura u li kien Wallace Grima li kompla jigi warajh u kien f'dawn ic-cirkostanzi li Wallace Galea weggha fit-tahwid li inqala' wara din l-aggressjoni hi l-akatar verzjoni verosimili .

Illi dan kollu jirrinkwadra ruhu fil-parametri tal-kuncett ta' legittima difesa ai termini tal-artiklu 223 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante jirrizulta li , kif diga spjegat, l-minaccja kienet gravi , ingusta, inevitabbli u r-rejazzjoni, proporzjonali.

Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu "lectures in Criminal Law Part I jghid hekk [3];

"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden actual and absolute .For if the danger was anticipated with certainty a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the

second place the danger must be actual: if it had already passed it may at best amount to provocation or at worst to cold-blooded revenge. And not to legitimate defence: if it was merely apprehended then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is such that at the moment it could not be averted by other means."

Issir riferenza ghas-sentenza tas-26 ta' Awissu 1996 per Onor Vincent DeGeatano LL.D Pulizija vs Augusto Auguliaro fejn il-Qorti dahlet fid-dettal dwar l-elementi fuq elaborata mill-Professur Sir Anthony Mamo.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.